KUNSILL LOKALI L-IKLIN
L-IKLIN LOCAL COUNCIL

11, "Three Villages"
Trejqet ir-Rumanzieri,
L-Iklin, IKL 1320
MALTA
T: (0356) 21 416 741
(0356) 21 416 441
E-mail: iklin.lc@gov.mt
https://iklinlc.gov.mt

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**L-GĦAXAR KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 19 – IT-TLIETA, 25 TA' NOVEMBRU 2025**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi 'Three Villages' Trejqet ir-Rumanzieri, l-Iklin. Il-laqgħa bdiet bit-talba fil-5.30 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Dr Dorian Sciberras | Sindku |
| | Sa Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku (assenti b'apoloġija) |
| | Sur Mario Fenech | Kunsillier |
| | Sa Mary Grace Gusman | Kunsillier |
| | Sur Matthew Fenech | Kunsillier |
| | Sur Etienne Montfort | Segretarju Eżekuttiv |

## 19.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI (Skont l-Ordni Permanenti 14A (3)

19.1.1 Il-Kunsill irċieva notifika waħda mingħand il-Viċi Sindku li kienet ser tkun skużata mis-seduta minħabba impenji ta' safar.

## 19.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

19.2.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru (19) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill Lokali minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jkunu approvati, u l-Kunsillier Matthew Fenech issekonda.

19.2.2 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku Dott Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort bħala dokument korrett.

## 19.3 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

19.3.1 Is-Sindku Dott Sciberras informa lill-preżenti li l-programm tal-Milied huwa konkluż u kkonfermat.

19.3.2 Is-Sindku Dott Sciberras informa li x-xogħlijiet fi Triq San Mikiel qed jitkompla mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma.

19.3.3 Is-Sindku Dott Sciberras informa li l-Kunsill kien irċieva komunikat mill-Kumitat tal-Petizzjonijiet fi Brussell li l-petizzjoni ġiet eżaminata u ġiet dikjarata ammissibbli għaliex il-materja taqa' fl-oqsma ta' attività tal-UE. Fuq din il-bażi, Chair Committee on Petitions talbet lill-Kummissjoni Ewropeja biex biex iwettaq investigazzjoni preliminari tal-kwistjoni. Proprju minħabba dan is-suġġett, il-petizzjoni ġiet riferuta lill-Kumitat tal-Parlament Ewropew dwar l-Ambjent, il-Klima, u Sigurtà fl-Ikel (ENVI) għall-informazzjoni. Is-Sindku ikkonkluda li l-UE tistabbilixxi l-istandards għall-kwalità tal-arja biex tipproteġi s-saħħa tal-persuna u l-ambjent. Il-Kunsill ser jkun infurmat dwar kwalunkwe azzjoni ulterjuri meħuda fuq il-petizzjoni li ssottometta l-Kunsill.

Ġie ukoll deċiż li dan il-komunikat ngħadduh lill-membri tas-sotto-kumitat u tintbagħat kopja lis-Sindki tal-lokalitajiet ġirien li kienu ffirmaw dikjarazzjoni konġunta biex il-Kunsilli jaħdmu b'mod kollettiv a favur kwalità ta' arja nadifa għall-ġid komuni taċ-ċittadini.

19.3.4 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li l-Aġenzija Infrastructure Malta ikkunsidrat it-talba tal-Kunsill dwar numru ta' toroq residenzjali proposti mill-Kunsill biex jiġu asfaltati. Informa li l-Kunsill irċieva fl-affermattiv li kienu ser jibdew xogħlijiet infrastrutturali f'waħda mit-toroq residenzjali tal-Iklin. L-ewwel fil-lista ser tkun Triq Karmenu Vassallo li kienet waħda mit-toroq proposti mill-Kunsill. Fil-frattemp, il-Kunsill talab biex issir site co-ordination meeting mal-*istakeholders* kollha konċernati biex isiru l-arranġamenti kollha neċessarji.

19.3.5 Is-Sindku Dott Sciberras informa li l-Konsultazzjoni Pubblika ġiet skedata għal nhar il-Ġimgħa 28 ta' Novembru 2025 u saru l-arranġamenti meħtieġa biex il-Konsultazzjoni Pubblika ssir Ir-Razzett l-Abjad fi Triq Ħal Għargħur. Project Green qed jippreparaw l-*event artwork* biex il-Kunsill ikun jista jtellgħu fuq il-paġna ta' fb. L-iskop ta' din il-Konsultazzjoni Pubblika qed issir dwar proposta ta' Recreational Park fi Triq Anton Manoel Caruana.

## 19.4 RAPPORT TAL-KORRISPONDENZA U L-ILMENTI

19.4.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew ħarġet mill-Uffiċċju bejn il-21 t'Ottubru sat-22 ta' Novembru 2025 kif jidher fid-dokumenti A u B.

**COMPLAINTS SHEET ( 20 October - 22 November 2025)**

| Ref. | Date | Description | Status | Address | Organisation |
|---|---|---|---|---|---|
| 315 | 27/10/2025 | Il-ħwienet li hemm fl-area ta' Triq G Abos ma' Triq San Mikiel qed iħallu l-boroż tar-rubbish bil-lejl minflok joħorġuhom filgħodu | pending | Triq San Mikiel/Triq G Abos | **COMMUNITY POLICE** |
| 316 | 25/10/2025 | Kinsa fi Triq il-Klin naħa ta' stabbiliment kummerċjali | settled | Triq Klin | **CLEANSING** |
| 317 | 27/10/2025 | Hemm is-siġar tal-by pass iffullaw u qed jostakolaw traffic lights | pending | Triq Dun Karm | **GEB Landscaping** |
| 318 | 27/10/2025 | Hemm bżonn iduru ftit ġnien Pjazza Ninu Cremona | settled | Pjazza Ninu Cremona | **COUNCIL** |
| 319 | 27/10/2025 | Ħaxix ħareġ fuq il-bankina minn residenza fi Triq Ċ Busuttil c/w Triq Dun Karm | settled | Triq Dun Karm | **COUNCIL** |
| 320 | 28/10/2025 | Triq San Mikiel fejn 22,20 hemm bankina difettuża | pending | Triq San Mikiel | **COUNCIL** |
| 321 | 28/10/2025 | Ilment li inġenji kbar qegħdin jitilgħu bi speed eċċessiv u jiġbdu għad-dritt minn Triq il-Wied għal Triq il-Ħarruba wrong side | pending | Triq il-Ħarruba | **Police/Council** |
| 322 | 03/11/2025 | Hemm boroż tal-Cleansing ma' nġabrux u l-bin mhux imbattal fi Triq AM Caruana | settled | Triq AM Caruana | **CLEANSING** |
| 323 | 03/11/2025 | Talba biex issir modifikazzjoni fil-bankina minhabba li nfetaħ garaxx fi Triq G Calleja | pending | Triq Ġuzeppi Calleja | **COUNCIL** |
| 324 | 11/04/2025 | Bozza mitfija Triq Ħal Għargħur c/w sqaq Garda | settled | Triq Ħal Għargħur | **ENEMALTA** |
| 325 | 11/04/2025 | Wire imdendel Triq Għargħur fejn Sqaq Garda 'l isfel | sent email | Triq Għargħur | **MELITA** |
| 326 | 05/11/2025 | Għadda trakk minn Triq il-Wied u waqqa' t-terrapien | settled | Triq il-Wied | **CLEANSING** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 327 | 05/11/2025 | Hemm il-ħmieġ fi Trejqet il-Poeti fin-naħa ta' ġewwa | settled | Trejqet il-Poeti | **CLEANSING** |
| 328 | 11/04/2025 | Inġenji kbar ipparkjati fi Triq San Mikiel | meeting on 4Nov with Police | Triq San Mikiel | **Police** |
| 329 | 08/11/2025 | Dwal ta barra mitfi upper Iklin naħa ta' Fredrick Borg | settled | Naħa ta' Triq F Borg ... | **ENEMALTA** |
| 330 | 10/11/2025 | Ġurdien mejjet fi Triq il-Ħwawar | settled | Triq il-Ħwawar | **Health** |
| 331 | 10/11/2025 | Ġurdien mejjet fi Triq G Mamo, 29 greenfields | settled | Triq G Mamo | **Health** |
| 332 | 11/11/2025 | Residenta qed titlob li kellha kamra u kkonvertieta f'garaxx u talbet korrezzjoni fl-immaniġġjar tat-traffiku | settled | Triq PA Cuschieri | **COUNCIL** |
| 333 | 07/11/2025 | Suggeriment biex issir speed hump fi Triq Dun Karm fuq il-lane ta' gewwa qabel iddur ghal Triq G Abos | pending | Triq Dun Karm | **INFRASTRUCTURE** |
| 334 | 12/11/2025 | Residenta qed tilmenta fuq dawl qawwi minn lampa li nbidlet riċentement fi Triq il-Klin | pending | Triq il-Klin | **COUNCIL** |
| 335 | 05/11/2025 | Talba biex tiġi stallata 'No Heavy Vehicles sign' fi Triq il-Wied | pending | Triq il-Wied | **COUNCIL** |
| 336 | 11/12/2025 | Talba għal tindifa fi Triq in-Namur | pending | Triq in-Namur | **CLEANSING** |
| 337 | 11/08/2025 | Kuntrattur waqqa konkos fi Triq R Taylor | settled | Triq R Taylor | **COUNCIL** |
| 338 | 15/11/2025 | Infestazzjoni ta' ġrieden fi Triq Ġ Galea fejn stabbiliment tan-negozju | pending | Triq G Galea | **Health Env. Directorate** |
| 339 | 17/11/2025 | Hemm bozza tixghel u titfi fi Triq G Abos mad-dar 93 | settled | Triq G Abos | **MICA MED** |
| 340 | 18/11/2025 | Ilment li hemm resident fi trejqa ta' K Vassallo li qed jipparkja b'mod irregolari biex iżomm il-parkeġġi għalih. Għandu (3) vetturi | pending | Triq K Vassallo | **COMMUNITY** |
| 341 | 18/11/2025 | Ilment li hemm resident fi trejqa ta' K Vassallo li qed jipparkja b'mod irregolari biex iżomm il-parkeġġi għalih. Għandu (3) vetturi. Hemm xi hadt li qed iżomm il-parking b'barrier b'karta tad-disabled imwaħħla fuqha | pending | Triq K Vassallo | **COMMUNITY** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 342 | 18/11/2025 | Talba biex zebra crossings ta' Triq il-Wied isirulhom il-belisha lights | settled | Triq il-Wied | **COUNCIL** |
| 343 | 20/11/2025 | Hemm ħafna ġrieden f'parapett ta' villa abbandunata fi Triq Dun Karm | pending | Triq Dun Karm | **SANITA'** |

## 19.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

19.5.1 Ma kienx hemm.

## 19.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI

19.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-lista tal-kredituri kif jidher anness f'dokument immarkat D.

19.6.2 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras imbagħad ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa u ssekondat mill-Kunsillier Mario Fenech.

Kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku Dott Dorian Sciberras, u l-Kunsillieri Mario Fenech, Matthew Fenech u Mary Grace Gusman.

**(Doc. D anness)**

Il-Kunsill awtorizza x-xiri ta' oġġetti/servizzi kif jidher hawn taħt:

1. Kwotazzjoni mingħand il-fornitur Framegrip Industries Ltd għal tibdil tal-bieb tas-Sala tal-Kunsill għall-prezz ta' Eur5,732.44 VAT inkluż;
2. Kwotazzjoni mingħand il-fornitur Matter and Core Design Studio għal 3D scanning of an enlarged 3D printed model għal statwa life-size fl-Iklin għall-prezz ta' Eur826 VAT inkluż;
3. Kwotazzjoni mingħand il-fornitur Mifsud Landscaping Services għal Clean Up fi Triq in-Namur u Triq ir-Razzett l-Aħmar għall-prezz ta' Eur1,734.00 VAT inkluż;
4. Kwotazzjoni mingħand il-fornitur ProMan Ltd għal xogħlijiet addizzjonali fis-Sala tal-Kunsill għall-prezz ta' Eur1,413.31 VAT inkluż;

5. Kwotazzjoni mingħand il-fornitur VMT Tomislav Vukelic għas-servizz ta' tile laying għall-prezz ta' Eur5,888.20 VAT inkluż;

## 19.7 MATERJI KONNESSI MAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

19.7.1 Ma kienx hemm applikazzjonijiet.

## 19.8 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-QUARTERLY FINANCIAL REPORT JAN-SETT 2025

19.8.1 Is-Sindku Dott. Sciberras stieden lill-Accountant tal-Kunsill biex jippreżenta l-Quarterly Financial Report għall-perjodu ta' bejn Jan u Sett 2025.

19.8.2 L-Accountant tal-Kunsill ippreżenta l-Overview & Summary, Statement of Income and Expenditure, Statement of Financial Position, Cash Flow Statement, Detailed Income, Detailed Expenditure, Detailed Statement of Financial Position and Depreciation of Property, Plant and Equipment.

19.8.3 Id-dħul fl-ewwel disa xhur tas-sena kien ta' € 281,871 filwaqt li l-ħruġ tal-ispejjeż kien jammonta għal € 254,385. Id-deprezzament fuq PPE kien ilaħħaq l-ammont ta' € 14,749.

L-allokazzjoni tal-Gvern kienet ta' € 231,643. Dħul mill-permess kien jammonta għal €21,327. Dħul mill-LES kien jammonta għal € 1,161 filwaqt li dħul ieħor iġġenerat mill-Community activities kien jammonta għal € 9,893.

19.8.4 Għat-tielet kwart ta' din is-sena, is-salarji ammontaw għal € 89,062 filwaqt li l-*Operations & Maintenance* kienu jammontaw għal € 114,980. Spejjeż amministrattivi kienu jlaħħqu l-ammont ta' € 35,594.

Ir-rapport finanzjarju jikkonkludi li l-*financial permformance* fl-ewwel kwart tas-sena jirriżulta f'*surplus* ta' Euro 27,486 u l-FSI huwa 68%.

19.8.5 Imbagħad is-Sindku Dott Dorian Sciberras staqsa jekk kienx hemm mistoqsijiet. Ma kienx hemm.

19.8.6 Imbagħad is-Sindku ressaq il-mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier Matthew Fenech biex jittieħed vot.

19.8.7 Il-mozzjoni għaddiet *nem con.*

**(ara dok.E)**

## 19.9 SKEMI FINANZJARJI B'KOLLABORAZZJONI MAL-KUNSILL REĠJONALI LVANT

19.9.1 Is-Sindku Dott. Sciberras ippreżenta l-iskemi fuq il-mejda tal-Kunsill għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni.

19.9.2 Rigward l-iskema 'Avvenimenti u/jew kiri ta' tiżjin tal-Milied, il-Kunsill approva unanimament li jibbenifika minn din l-iskema b'total ta' Eur4k għall-kiri ta' tiżjin tal-Milied li se jkun armat fi Pjazza Ninu Cremona, Triq Ġeronimo Abos u Triq San Mikiel.

19.9.3 Fir-rigward tal-iskema 'Proġett b'kollaborazzjoni mar-Reġjun', il-Kunsill iddiskuta u qabel b'mod unanimu li jibbenifika minn din l-iskema b'total ta' Eur15k biex jiġu utilizzati għar-rinnovar tas-Sala tal-Kunsill fi Triq Dott. Lewis F. Mizzi L-Iklin. Il-Kunsill ser ikun qed ibiddel il-madum tal-art, tibdil tal-bieb ta' barra, faċilitajiet sanitarji għal *special needs*, Electrical & Plumbing Services, stallazzjoni ta' A/conditioners ġodda u *partitions* tal-*gypsum boards* għal kitchenette u store. Dan ir-rinnovar ser ikun qed isir biex is-Sala tkun aċċessibbli għal kulħadd u taqdi l-bżonnijiet tal-komunità.

19.9.3 Il-Kunsill approva *nem con.*

19.9.4 Is-Segretarju Eżekuttiv se jkun qed jikteb formalment lill-Kunsill Reġjonali Lvant bid-deċiżjoni tal-Kunsill.

## 19.10 AĠĠORNAMENT DWAR XOGĦLIJIET IPPJANATI FI TRIQ ANTON BUTTIGIEG

19.10.1 Is-Sindku Dott Sciberras informa li wara li saru diskussjonijiet interni u konsultazzjoni dwar il-ħitan li huma fi stat perikoluż fi Triq Anton Buttigieg, kien ġie stabbilit li minħabba s-siġar eżistenti huma siġar maturi f'dan is-sit, l-esekuzzjoni tax-xogħlijiet kif kienu oriġnarjament disinjati ma kenitx possibbli li jsiru

mingħajr it-tneħħija tal-imsemmija siġar. F'dan ir-rigward, opzjonijiet oħra għad-disinn tax-xogħlijiet ġew investigati u ġew deċiżi li l-proġett jiġi esegwit mill-Community Projects Division (CPD) fi ħdan MTIP.

Fid-dawl tal-imsemmi hawn fuq, ser jittieħed survey dettaljat tas-sit mis-sezzjoni ta' surveying Team fil-jiem li ġejjin. Wara dan il-proċess, id-disinn strutturali ser jiġi ppreparat mill-Inġinieri u kif ikun komplut, l-applikazzjoni għall-permessi neċessarji u clearances jiġu sottomessi lill-awtoritajiet konċernati. Ix-xogħlijiet ikunu jistgħu jipproċedu kif appena ir-rekwiżiti statutorji kollha meħtieġa jkunu disponibbli.

Is-Sindku informa li huwa ppjanat li x-xogħlijiet fuq dan is-sit jibdew fil-bidu tas-sena l-ġdida 2026.

19.10.2 Il-Kunsillier Matthew Fenech irringrazzja lill-amministrazzjoni tal-Kunsill tax-xogħol li ilu għaddej fuq dan il-proġett bil-ħsieb li jimmatura ma jdumx.

## 19.11 AĠĠORNAMENT DWAR FESTA FJURI 2026

19.11.1 Is-Sindku Dott. Sciberras informa lill-preżenti li s-Segretarju Eżekuttiv kellu laqgħa informali mas-Sur Toni Attard Cultural Policy & Management dwar l-attività kulturali Festa Fjuri bil-ħsieb li l-Kunsill ikompli jtejjeb il-prodott tal-attività.

19.11.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Kunsill irid jistabbilixxi jekk għandux bżonn is-servizz ta' direttur artistiku jew event co-ordinator u x'*budget* hemm għal din l-attività. L-ispiża ta' Festa Fjuri 2025 laħqet iċ-ċifra ta' Eur20k. Il-budget kien diskuss f'din il-laqgħa u staqsa jekk il-Kunsill għandux interess li jalloka aktar fondi għal dan l-avveniment għaliex il-budget huwa dak li hu u ma tantx tista ttejjeb il-kwalità jekk il-budget jibqa dak li hu. Ġew diskussi numru ta' fatturi fosthom il-parteċipazzjoni tal-komunità f'din l-attività u l-attendenza tal-pubbliku waqt din l-attività. Issemmew numru ta' idejat li wieħed jista jisfrutta però kollox hemm prezz għalih.

19.11.3 It-tieni punt li tqajjem waqt il-laqgħa kien dwar id-data tas-Sibt 25 ta' April peress li normalment id-Direttorat joħroġ l-iskema għall-attivitajiet kulturali f'Jannar/Frar u l-attivitajiet jibdew mill-1 ta' Ġunju 'il quddiem. Fuq dan il-punt, il-Kunsill iddeċieda li jkollu data oħra tentattiva lejn Mejju biex il-Kunsill ma jitlifx l-opportunità ta' fondi għaliex il-Kunsill jiddependi ħafna mill-finanzjament ta' din l-iskema.

19.11.5 Reġgħet qamet id-diskussjoni dwar l-infiorata u l-possibiltà li nesploraw ideja differenti ta' kif il-Kunsill jista jittrasforma l-ispazju miftuħ fi ġnien b'numru ta' siġar kbar, u mijiet ta' arbuxelli, u mijiet ta' fjuri kkuluriti, li joħolqu passaġġi sereni rilassament aħħari. Kien hemm ukoll qbil li titqassam żerriegħa lir-residenti kollha tal-komunità u lill-pubbliku li jiġi jżur l-attività.

19.11.6 Is-Sindku ikkonkluda li d-diskussjoni għandha tkompli fis-seduti sussegwenti biex noħorġu bi programm sabiħ tal-attività kulturali fl-edizzjoni 2026.

## 19.12 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

19.12.1 Qabel spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li s-seduta li jmiss issir nhar il-Ħamis, 11 ta' Diċembru 2025 fil-5.00 pm.

19.12.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt is-seduta tal-Kunsill ta' nhar il-Ħamis, 11 ta' Diċembru 2025 fil-5.00 pm.

19.12.3 Il-laqgħa ġiet fi tmiem tagħha fis-6.50 p.m.

| | |
|---|---|
| **Dott Dorian Sciberras** | **Etienne Montfort** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |